**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 24 ta' Ġunju 2025**

**Kawża Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 422/2024 JVC**

**Dr Philip Manduca bħala mandatarju ta' Louisa Amy Borg Costanzi Potts**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Dr Philip Manduca noe talab kif isegwi:

1. 'Illi Louisa Amy Borg Costanzi Potts twieldet fis-7 ta' April 1986 f'Doncaster, United Kingdom (Dok A);

2. Illi b'deed poll hawn anness bħala Dok B l-isem ta' Louisa Amy Borg Costanzi Potts ġiet konfermat;

3. Illi fit-12 ta' Novembru 2021 ġie konfermat li Louisa Amy Borg Costanzi Potts hija ċittadina ta' Malta (Dok C);

4. Illi r-rikorrenti trid tirreġistra t-twelid tagħha f'Malta;

5. Ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern;

6. Illi l-esponent jaf dawn il-fatti minn eżami tad-dokumenti;

   a. Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jordna kull korrezzjoni neċessarja u r-reġistrazzjoni tat-twelid ta' Louisa Amy Borg Costanzi Potts f'Malta u
   b. Tagħti dawk l-ordnijiet neċessarji sabiex dan issir.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi preliminarjament jingħad illi l-attur nominee jrid jippreżenta prova illi huwa ngħata l-mandat sabiex jidher għan-nom ta' Louisa Amy Borg Costanzi Potts f'din il-kawża;

2. Illi fi kwalunkwe każ din il-kawża hija **ntempestiva** stante li f'dan l-istadju ma tista' ssir ebda korrezzjoni fuq l-Att tat-Twelid tal-istess attriċi Louisa Amy Borg Costanzi Potts ġialadarba jihder li m'hemm ebda Att tat-Twelid reġistrat mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

3. Illi sabiex jiġi reġistrat Att tat-Twelid esteru f'Malta m'hemmx bżonn li tinfetaħ kawża iżda li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti elenkati fl-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi huwa biss wara li jiġi reġistrat l-Att tat-Twelid li tista' tissokta kawża ta' din ix-xorta sabiex isiru xi korrezzjonijiet;

4. Illi subordinament għal dak kollu premess, minkejja li r-rikorrenti ma jidhirx li ndikaw il-bażi legali tal-azzjoni tagħhom, min-natura tat-talbiet jidher li huma qiegħdin jibbażawha fuq l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, wara r-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid esteru, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

5. Illi fil-mertu l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

6. Illi minn dak li jidher fl-Att tat-Twelid Brittaniku, li sal-lum għadu ma ġiex registrat f' Malta kif spjegat fl-eċċezzjonijiet preċedenti, jidher li 'Louisa Amy POTTS' twieldet ġewwa r-Renju Unit nhar is-7 t'April 1986 u mat-twelid kunjomha jidher li kien indikat bħala dak ta' missierha u ċioe' 'POTTS'. Madanakollu, sussegwentament jidher illi permezz ta' proċedura uffiċjali ġewwa r-Renju Unit datata 11 ta'

Settembru 2013, ir-rikorrenti kellha kunjomha mibdul minn 'POTTS' għal 'BORG-COSTANZI POTTS';

7. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, għandha tintalab sostituzzjoni tagħha fis-sens li tali talba trid issir lil dina l-Onorabbli Qorti u mhux lil Tribunal u di piu' jrid jiġi speċifikat eżattament x'tibdil għandu jsir ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta nkluż billi jiġu speċifikati l-Atti tal-Istat Ċivili reġistrati f'Malta bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed li dwarhom ikun qiegħed jintalab tibdil. Madanakollu dan jista' jsir kemm il-darba l-istess Atti jkun reġistrati f'Malta kif ġie spjegat aktar qabel;

8. Illi in oltre', sabiex din l-Onorabbli Qorti takkorda l-ewwel talba kif korretta, d-dokument li juri li l-attriċi bidlet kunjomha fir-Renju Unit għandu jiġi debitament appostillat skont il-liġi kif ukoll għandha tiġi preżentata evidenza li turi li l-istess attriċi hija verament magħrufa bħala 'Louisa Amy BORG-COSTANZI POTTS' fosthom billi tiġi preżentata vera kopja tal-passaport Brittaniku tal-istess attriċi;

9. Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti**;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-attur nominee li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi fil-mori tas-smigħ Dr Philip Manduca esebixxa fl-atti wkoll iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Louisa Amy Potts kif reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u esebit a fol. 32 tal-proċess;

Rat illi konsegwentament saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 33 tal-proċess b'dana li r-raba' eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat partikolarment il-kopja tad-*deed poll* datat 11 ta' Settembru 2013 illi jevidenzja kif fir-Renju Unit ir-rikorrenti hija ġia magħrufa u reġistrata bil-kunjom Borg Costanzi Potts.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta u tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 7081, data tal-att 1986,

data li nħareġ l-att 17 ta' Marzu 2025, sabiex dan jirrifletti u jiġi annotat li l-kunjom tar-rikorrenti huwa "Borg Costanzi Potts";

3. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan fit-termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Ġunju 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**24 ta' Ġunju 2025**